**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 16/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Anthony Galea**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Anthony Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 315169(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. nhar il-15 ta' Marzu 2016 għall-ħabta ta' 13:00hrs u fi ġranet ta' qabel waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' H'Dingli Cliffs, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa projbit;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi lixki ta' għasafar protetti.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 18(1)(ċ), 12(1), 4(1)(a), 7(2) u 7(1)(i) tal-Avviż Legali 79 tal-2006, filwaqt li lliberat lill-imputat mir-raba' (4) imputazzjoni sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elf Euro (€1000). *Ai termini* ta' Regolament 27 tal-Avviż Legali 79 tal-2006, l-Ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. *Ai termini* tal-istess dispożizzjoni tal-Avviż Legali 79 tal-2006 kif ukoll

*ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti.*

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:*

*A. stante n-nullita' tas-sentenza appellata, ossia fid-dawl tal-aggravju 'A', tħassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame; jew*

*B. Fl-eventwalita' li l-aggravju 'A' u kwindi l-ewwel (1) talba ma tiġix akkolta, li tirriforma s-sentenza appellata u dana billi in linea mal-aggravju 'B':*

*1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni, u;*

*2. tħassarha in kwantu sabet lil appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet u minflok tilliberah minnhom; jew*

*Ċ. Fl-eventwalita' li l-ewwel (1) jew it-tieni (2) talbiet ma jiġux akkolti, li tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta u dana fid-dawl tal-aggravju 'Ċ'."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm fejn il-konsulent legali tal-appellant, fost l-oħrajn, irtira l-ewwel aggravju tal-appellant u ċioè dak dwar in-nullita' tas-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti. Għal kull buon fini, din il-Qorti tinnota li fit-22 ta' Marzu 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza (*a fol.* 25 *et seq.*) liema sentenza ġiet dikjarata nulla minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 66 *et seq.*).

Illi din is-sentenza tallum hija dwar l-appell rigward is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Jannar 2022 (*a fol.* 84 *et seq.*).

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fil-15 ta' Marzu 2016 il-Pulizija rċeviet rapport minn Fiona Burrows (voluntiera tal-assoċjazzjoni CABS) li fl-irdumijiet ta' Had-Dingli kien hemm xi nies li armaw mansab. Jirriżulta li fil-ġurnata msemmija għall-ħabta tal-12.41pm Burrows kienet flimkien ma' ċerta Patricia meta nnutaw li kien hemm mansab attiv u li konsegwenza ta' dan ċemplu lill-Pulizija u ġew infurmati mill-Pulizija li ma setgħux imorru fuq is-sit minħabba li kienu mħabbtin. Jingħad li Burrows rat tnejn minn nies joħorġu mill-mansab u li l-appellant ma kienx wieħed minnhom u li ftit aktar tard l-appellant deher jiġbor il-gabbjetti u li wara Burrows rat lill-appellant ħiereġ bil-vettura flimkien ma' xi ħadd ieħor minn fejn kien hemm grada. L-appellant jispjega li huwa mar fl-għalqa tiegħu u li rċieva telefonata mill-persuna li kienet fl-għalqa taħtu u li kienet qed tonsob fejn din talbitu sabiex jagħtiha *lift* għat-telgħa.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant isostni li s-sentenza appellata hija nulla minħabba r-raġunijiet imsemmija minnu f'dan l-aggravju. Din il-Qorti tinnota li dan l-aggravju ġie rtirat fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 u b'hekk il-Qorti ser tasjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar apprezzament tal-provi. Taħt dan l-aggravju l-appellant iressaq numru ta' punti li din il-Qorti ser tisħarriġhom separatament skont kif ġew elenkati fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

<u>Dwar is-CD kontenenti filmat (*a fol.* 24)</u>:
Illi l-appellant jilmenta li kien obbligu tal-Prosekuzzjoni li tara li ċ-*chain of custody* ma tiġix miksura jew xorta oħra kkontaminata. Huwa jilmenta wkoll li ma hemm l-ebda indikazzjoni jew notament ta x'riferenza għandha s-cd u lanqas min ippreżentaha.

Illi dwar il-prinċipju ta' *chain of custody* din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Adrian Piscopo** (Numru 19/2021) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk.

> "13. Illi l-Qorti mingħajr tlaqliq tgħid illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fis-sottomissjonijiet minnu magħmula marbuta ma' dan l-aggravju. Illi prova konsistenti f'dokument jew oġġett titqies li hija prova b'saħħitha meta jkun jista' jiġi stabbilit l-*iter* kollu li segwiet dik il-prova mill-mument li tkun elevata mill-investigaturi, sal-mument li ssib ruħha fil-qorti. Jekk dan l-*iter* b'xi mod jinkiser, u min iressaq 'il quddiem dik il-prova ma jistax jagħti spjegazzjoni dwar f'idejn min għaddiet dik l-evidenza pass wara pass, allura din titlef is-saħħa tagħha bħala prova attendibbli billi tista' tkun soġġetta għal kontaminazzjoni. Tali prova, b'daqshekk, ma hijiex waħda inammissibbli, li jfisser li hemm xi dispożizzjoni tal-liġi li timpedieha milli tinġieb 'il

quddiem fil-qorti. Illi allura, kif tajjeb jikkontendi l-Avukat Ġenerali, u kif dejjem ritenut fil-ġurisprudenza in materja, u li l-Qorti Kriminali tiċċita b'approvazzjoni fis-sentenza appellata, hemm distinzjoni bejn l-ammissibilita' o meno ta' prova u l-valur probatorju ta' l-istess billi prova tista' tkun ammissibbli iżda nieqsa mis-saħħa li jrendieha prova siewja fil-proċess ġudizzjarju."

Illi l-iter ta' din il-kawża kien kemm xejn partikolari b'dan illi d-depożizzjonijiet mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti fit-22 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 23) ma kienux ġew traskritti pero' meta Fiona Burrows reġgħet xehdet fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2019 (*a fol.* 44 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta, ngħad hekk (*a fol.* 53):

"Dr. Arthur Azzopardi:
And you were the one who filmed all this incident?

The witness:
Yes.

Il-Qorti:
U jien kont ukoll dik il-persuna illi ffilmjat is-sekwenza illi kien hemm ma' dan ir-rapport jew f'dan ir-rapport, whatever.

Dr. Arthur Azzopardi:
So you were the person who chose the best stills from this footage?

The witness:
Yes, because it is my report.

Dr. Arthur Azzopardi:
To supplement your position, correct?

The witness:

> I have included the best footage of the faces in order for the police to identify the suspects."

Illi minn dan din il-Qorti hija sodisfatta li dak ilmentat mill-appellant fir-rigward tas-CD huwa bla bażi u b'hekk l-argument in eżami qed ikun miċħud.

Dwar x'kien qiegħed jagħmel l-appellant fl-irdum ta' Ħad-Dingli:
Illi l-appellant jilmenta li mix-xiehda ta' Fiona Burrows li ngħatat fit-23 ta' Lulju 2019 ma jirriżultax li huwa kien qed jonsob jew jikkaċċja. Jilmenta dwar l-inkonsistenza tax-xiehda mogħtija minn Burrows meta mqabbla mar-rapport redatt minnha. Jgħid li fir-rapport redatt minnha wara l-akkadut hija ma ssemmiex li huwa kien qiegħed jonsob waqt li fid-depożizzjoni tagħha tgħid li kien qiegħed jonsob. L-appellant jispjega li huwa kien mar l-għalqa tiegħu meta s-sid tal-għalqa ta' taħtu talbu jgħinu jżarma l-gabjetti.

Illi din il-Qorti tfakkar x'inhu r-rwol tagħha u f'dan ir-rigward tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa t-traskrizzjonijiet tax-xiehda mogħtija, l-affidavits ippreżentati u d-dokumentazzjoni li hemm fl-atti proċesswali. Il-Qorti tagħmel riferenza għar-rapport (*a fol.* 8 *et seq.*) fejn hemm imsemmi li l-iSpettur Sheldon aktar tard matul il-ġurnata għadda l-gabjetta bl-għasafar (ġojjini) lill-appellant. Minn imkien fl-atti proċesswali ma jirriżulta li dan il-fatt ġie kkontestat mill-appellant. Lanqas hemm li l-appellant irrifjuta l-għasafar in kwistjoni. Tabilħaqq din il-Qorti tistaqsi: għala l-appellant aċċetta l-ġojjini lura jekk ma kienux tiegħu imma kienu tal-persuna li kellu r-raba' taħtu?!

Illi tenut kont ukoll ta' dak li qalet Fiona Burrows meta xehdet li rat lill-appellant ħiereġ mill-mansab u jibda jiġbor il-gabjetti (*a fol.* 53), din il-Qorti ftit għandha dubji li l-appellant kien filfatt qiegħed jonsob. Lanqas hija tenibbli l-verżjoni tal-appellant li ċempillu tal-għalqa ta' taħtu speċjalment tenut kont li huwa xehed (*a fol.* 59) li huwa jaf il-persuna għax rah xi darbtejn oħra biss.

Illi tenut kont ukoll tal-filmati li hemm fl-atti proċesswali (*a fol.* 24) fejn l-appellant jidher mhux biss jiġbor gabjetta iżda jidher ukoll jiġbor l-għasfur minn fuq il-mansab u jidher jiċċaqlaq b'mod furtiv madwar dik li tidher qisha dura, din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li d-depożizzjoni mogħtija minn Fiona Burrows hija veritjiera waqt li l-appellant pinġa sitwazzjoni ntiża biss sabiex tiskolpah.

Illi għalhekk mill-assiem tal-provi li jirriżultaw fl-atti proċesswali u tenut kont ta' dak li ngħad aktar 'il fuq dwar it-tieni aggravju tal-appellant, din il-Qorti hija konvinta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u b'hekk it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jilmenta li huwa mhux persuna reċidiva u li fix-xahar ta' Marzu ma għadux jonsob. Jilmenta wkoll li s-sospensjoni tal-liċenzja ma hijiex piena tassattiva u li tali

sospensjoni tkun tfisser li huwa ma jkunx jista jersaq lejn l-għalqa tiegħu għal sentejn sħaħ. Jgħid li din kienet l-ewwel darba li nqabad fuq tali reat u għalhekk għandu jitqies bħala *first time offender*. Jgħid li piena pekunjarja fil-minimu li tippermetti l-liġi mingħajr sospensjoni kienet tkun piena aktar idonea.

Illi huwa paċifiku li din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti jekk il-piena tkun taqa' fil-parametri stabbiliti mil-liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia** (Numru 447/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*[1]."

Illi l-appellant instab ħati mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjonijiet kollha minbarra tar-raba' (4) imputazzjoni. Dan jinkludi ksur ta' Regolamenti 4, 7, 12 u 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi l-piena għal ksur ta' Regolament 18 temani minn Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja msemmija u mhux minn Regolament 27(3)(a) kif jgħid l-appellant. Tenut kont ta' dak li jipprovdi Regolament 27(2)(a) mhux minnu li s-sospensjoni hija waħda fakoltativa. Bil-kontra s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi hija waħda mandatorja.

Illi wara li din il-Qorti kkunsidrat dak li jgħid Regolament 27(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma li l-multa erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-

[1] **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, deċiza nhar il-25 ta' Awwissu 2005.

appellant hija viċin il-minimu b'dan illi l-piena in kwistjoni bl-ebda mod ma tista' titqies bħala waħda *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*. Skont l-istess Regolament 27(2)(a) is-sospensjoni kellu tkun dik ta' mhux anqas minn sentejn pero' mhux aktar minn ħames snin. B'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Anthony Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa f'isem l-appellant taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza liema parti qed tiġi revokata u dana minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant u b'hekk għandu jibbenefika minn tali emenda u minflok din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti msemmija u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**